MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 28 ta' Jannar, 2000

Citazzjoni Numru. 2347/1999/1

Atlas Insurance Agency Ltd agenti Malta tas-socjeta' estera AXA Insurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited

Vs

Seamalta Company Limited u The Cargo Handling Company Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-1 ta' Novembru 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li fit-2 ta' Novembru 1998 s-socjeta' Michael Attard Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment Fast Trader konsenja ta' vetturi Peugeot liema konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat ta' l-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dok A; illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assikurat tieghu hu kellu jindennizza lill-assikurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assikurat; illi l-attur jikkwantifika d-, danni fil-

merkanzija de qua fl-ammont ta’ elf mitejn u sebghin lira u sitta u tlettin centezimu (LM1270.36) li maghhom jizdied l-ammont ta’ sitta u hamsin lira (LM56) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta’ elf tlett mija sitta u ghoxrin lira u sebghin centezimu (LM1326.70); illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni, talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assikurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta’ LM1326.70;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta’LM1326.70 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta’ SeaMalta Co. Ltd presentata fit-23 ta’ Dicembru 1999 li permezz taghha eccepiet:-
1. illi t-talbiet ta’ l-attur la huma fondati fil-fatt u lanas fid-dritt;
2. il-klawsola tal-ezoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta’ liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;
3. illi s-socjeta’ konvenuta kkonsenjat mill-istores taghha dak kollu li gie lilha konsenjat u fl-istat li ircevietu;
4. id-dekadenza ta’ sena mid-data f’liema l-vapur wasal Malta;

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti tas-SeaMalta.

Rat in-nota tas-soceta’ The Cargo Handling Co Ltd tal-5 ta’ Jannar 2000 li permezz taghha eccepiet:-

1. illi l-vetturi tal-vertenza odjerna ghaddew f'idejn is-socjeta' esponenti bid-difetti u nuqqasijiet elenkati fl-anness "Tally sheet" immarkat bhala Dok A;
2. illi ghandu jigi pruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt li l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess merkanzija giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet;
3. illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghal hsarat u n-nuqqasijiet stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mil-ligi;
4. illi l-ammont tad-danni dedott fic-citazzjoni attrici huwa ecessiv u ghaldaqstant ghandu jigi pruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;
5. illi l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din titratta ta kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;
6. illi ghalhekk it-talbiet attrici nkwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit.
Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Frar 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-7 ta' April 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' April 2000 meta giet mahtura Dr Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-1 ta' Mejju 2002 meta s-socjeta SeaMalta irtirat it-tieni eccezzjoni taghha u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fit-2 ta’ Novembru 1998 giet importat gewwa Malta konsenja ta’ karozzi tal-marka Peugeot destinati ghas-socjeta’ Michael Attard Ltd. Dawn gew trasportati lejn Malta fuq il-bastiment tas-socjeta’ konvenuta SeaMalta Co Ltd li jgieb l-isem Fast Alexandria u sakemm inhargu mill-port kienu jinstabu fil-pussess u kontroll tas-socjeta’ The Cargo Handling.

Mid-dokumenti ezebiti kif ukoll mix-xhieda ta’ John Falzon, Mark Micallef u ta’ Peter Bonello, l-ewwel tnejn prodotti mis-socjeta’ attrici u ta’ l-ahhar mis-socjeta’ The Cargo Handling jirrizulta li din il-konsenja kienet timmanifesta hsarat kif ukoll nuqqasijiet, sew fil-mument li giet sbarkata minn abbord, kif ukoll meta giet rilaxxata f’idejn r-rappresentant tas-socjeta’ importatrici. Infatti t-tally li inzamm mir-rappresentanti tas-socjeta’ Sea Malta u tal-Cargo Handling waqt l-isbark, juri li zewg vetturi minn din il-konsenja kellhom xi hsara jew nuqqas qabel ma nizlu Malta u tpoggew fil-pussess tas-socjeta’ The Crago Handling Co Ltd. Infatti l-vettura indikata bin-numru 60140227 kellha “right rear side damaged & driver’s door” filwaqt li l-vettura bin-numru 32566260 kellha tigi “towed” minn fuq il-vapur. Il-hsara jew nuqqasijiet fuq dawn iz-zewg vetturi hija riflessa fis-survey report ta’ Mark Micallef a fol 5 et sequitur tal-process kif ukoll fil-lista dettaljata tal-hsarat u nuqqasijiet maghmula mis-surveyor tas-socjeta’ importatrici John Falzon.

Fir-rigward ta’ l-ewwel vettura fuq imsemmija l-invoice tas-socjeta’ importatrici, liema dokument gie verifikat u kontrollat mis-surveyor, jghati valur ta’LM822.36 u ghar-rigward tat-tieni vettura li kellha “a shorted battery” jindika prezz ta’ LM42 u dana billi l-LM20 prezz ta’ Front Head rest ma jirrizultax li kien dovut qabel l-isbark.

Illi apparti dawn l-hsarat u nuqqasijiet fuq imsemmija jirrizulta li mil-mument tal-isbark tal-vetturi sal mument li dawn inghataw f’idejn r-rappresentant tas-socjeta’

importatrici, kien hemm danni ohra li jidhru fil-Gate Pass Out u riflessi fl-'invoice' tas-socjeta' Michael Attard Ltd.

Illi mill-fuq espost jidher li z-zewg konvenuti ghandhom jirrispondu ghal hsarat reklamati mis-socjeta' attrici u dana billi s-SeaMalta Co. Ltd ghandha taghmel tajjeb ghas-somma ta' tmien mija erbgha u sittin lira maltin sitta u tlettin centezimu (LM864.36) u cioe l-ispejjes relattivi ghad-danni kagunati fil-merkanzija waqt li din kienet fil-pussess tal-istess socjeta' kif jirrizulta fit-Tally Sheet. Il-bilanc u cioe s-somma ta' erba' mija u sitt liri maltin trid taghmel tajjeb ghalihom s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd billi din il-hsara jew nuqqasijiet irrizultaw waqt li l-vetturi kienu taht il-kontroll taghha.

Illi ma ingiebet ebda prova kontrarja ghall-ammont reklamat u billi dan jidher ragionevoli u anke jinsab konfermat minn surveyor indipendenti, qed jigi accettat.

Illi dar l-eccezzjoni tas-SeaMalta li skada t-terminu ta' sena, din mhux gustifikata billi c-citazzjoni, li tinterrompi kull perjodu preskrittiv, giet ppresentata gurnata qabel ma skadiet is-sena.

Illi dwar li spejjes tas-survey jinghad li dawn huma ukoll dovuti billi gew inkorsi mis-socjeta' attrici li qed tagixxi ghalihom. Dawn li spejjes li jammontaw ghas-somma ta' LM56 ghandhom jinqasmu kwantu ghal zewg terzi fuq is-socjeta' Sea Malta Co. Ltd u terz fuq is-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd u cioe fl-istess proporzjoni tad-danni akkordati.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija il-Qorti filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta' SeaMalta Co Ltd billi din giet irtirata, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti u tiddisponi minn din il-vertenza billi filwaqt li tiddikjara li z-zewg socjetajiet huma responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija fuq imsemmija tikkundanna lis-socjeta' SeaMalta Co. Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u lira maltija disgha u sittin centezimu (LM901.69) u tikkundanna lis-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd thallas lis-socjeta' attrici s-

somma ta’ erba’ mija erbgha u ghoxrin lira maltin sitta u sittin centezimu (LM424.66) u fiz-zewg kazi bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-zewg terzi mis-socjeta’ SeaMalta Co. Ltd u kwantu ghar-rimanenti terz mis-socjeta’ The Cargo Handling Co. Ltd.

Onor Imhallef Albert J. Magri